

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1287

tas-26 ta' Lulju 2019

dwar l-estensjoni tas-sorveljanza msaħħa għall-Greċja

(notifikata bid-dokument C(2019) 5900)

(It-test bil-Grieg biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tiswira tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Wara l-iskadenza tal-assistenza finanzjarja tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà fl-20 ta' Awwissu 2018, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1192 ⁽²⁾ attivat sorveljanza msaħħa għall-Greċja għal perjodu ta' sitt xhur, mill-21 ta' Awwissu 2018. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/338 ⁽³⁾ tawliha għal perjodu addizzjonali ta' sitt xhur, mill-21 ta' Frar 2019.
- (2) Sa mill-2010, il-Greċja rċeviet ammont sostanzjali ta' assistenza finanzjarja, u b'konsegwenza ta' hekk, l-obbligazzjonijiet pendenti tal-Greċja lejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro, lejn il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja u lejn il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà jammontaw għal total ta' EUR 243 700 miljun. Il-Greċja rċeviet sostenn finanzjarju mis-sħab Ewropej tagħha fuq termini konċessjonali u fl-2012 ġew adottati miżuri speċifiċi biex id-dejn jitqiegħed fuq bażi aktar sostenibbli u dan reġa' sar fl-2017 mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà. Fit-22 ta' Ġunju 2018, intlaħaq qbil politiku fil-Grupp tal-Euro biex jiġu implimentati miżuri addizzjonali biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tad-dejn. Dawn jinkludu l-estensjoni tal-maturitajiet medji ponderati b'10 snin oħra, id-differiment tal-imgħax u l-amortizzament b'10 snin oħra kif ukoll l-implimentazzjoni ta' miżuri oħra ta' dejn. Darbtejn fis-sena jista' jsir qbil fil-Grupp tal-Euro dwar żewġ miżuri addizzjonali (l-abolizzjoni taż-żieda fil-marġni tar-rata tal-imgħax relatata mas-segment tax-xiri lura tad-dejn tal-programm tal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja mill-2018 u t-treġġigħ lura tat-trasferiment ta' ammonti ekwivalenti għall-introjt li daħħlu l-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro fuq il-bonds tal-gvern Grieg miżmuma fl-ambitu tal-Ftehim dwar l-Assi Finanzjarji Netti u l-Programm tas-Swieq tat-Titoli) abbażi ta' rapportar pożittiv fl-ambitu tas-sorveljanza msaħħa tal-konformità tal-Greċja mal-impenji ta' politika tagħha għal wara l-programm. F'dan ir-rigward, ir-rilaxx tal-ewwel porzjon ta' miżuri ta' dejn kontinġenti għall-politika b'valur ta' EUR 970 miljun ġie implimentat wara qbil mill-Grupp tal-Euro f'April 2019.
- (3) Il-Greċja impenjat ruħha fil-Grupp tal-Euro biex tkompli u tlesti r-riformi ewlenin kollha adottati skont il-programm ta' appoġġ tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà ("il-programm") u biex tissalvagwardja l-oġġettivi tar-riformi importanti adottati skont dan il-programm u l-predeċessuri tiegħu. Il-Greċja impenjat ruħha wkoll li timplimenta azzjonijiet speċifiċi fl-oqsma ta' politiki fiskali u fiskali-strutturali, tal-benessri soċjali, tal-istabbiltà finanzjarja, tas-swieq tax-xogħol u tal-prodotti, tal-privatizzazzjoni u tal-amministrazzjoni pubblika. Dawk l-azzjonijiet speċifiċi, li huma stipulati f'anness tad-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro tat-22 ta' Ġunju 2018, se jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi eċċessivi tal-Greċja u s-sorsi jew is-sorsi potenzjali ta' diffikultajiet ekonomiċi.

⁽¹⁾ ĠUL 140, 27.5.2013, p. 1.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1192 tal-11 ta' Lulju 2018 dwar l-attivazzjoni ta' sorveljanza msaħħa għall-Greċja (ĠUL 211, 22.8.2018, p. 1).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/338 tal-20 ta' Frar 2019 dwar l-estensjoni tas-sorveljanza msaħħa għall-Greċja (ĠUL 60, 28.2.2019, p. 17).

- (4) Fil-21 ta' Novembru 2018, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lill-Greċja bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom se ssir analiżi fil-fond. Ir-rieżami fil-fond ġie inkluż fir-rapport tal-pajjiż tal-2019 għall-Greċja ⁽⁵⁾ ppubblikat fis-27 ta' Frar 2019. Il-Kummissjoni kkonkludiet li filwaqt li l-Greċja rnexxielha terġa' tistabbilixxi l-bilanċ tal-baġit tagħha u naqqset b'mod sinifikanti d-defiċit fil-kont kurrenti, qiegħda tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi ⁽⁶⁾ bħala legat tal-kriżi. Dawn jirrigwardaw id-dejn pubbliku għoli, il-pożizzjoni negattiva ta' investment internazzjonali nett, is-self improduttiv għoli fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek u r-rata tal-qgħad li għadha għolja. B'mod partikolari, id-dejn pubbliku jammonta għal 181,1 % tal-Prodott Domestiku Gross fi tmiem l-2018, l-ogħla livell fl-Unjoni. Il-pożizzjoni ta' investment internazzjonali nett ta' - 137,9 % tal-Prodott Domestiku Gross fl-2018 tibqa' għolja ħafna. Barra minn hekk, minkejja t-tnaqqis sinifikanti fid-defiċit tal-kont kurrenti, dan xorta għadu mhux biżżejjed biex jiġi appoġġat tnaqqis tal-pożizzjoni ta' investment internazzjonali nett kbira ħafna b'ritmu sodisfaċenti biex din titnaqqas għal livelli meqjusa bħala prudenti. Filwaqt li l-qgħad kompli jonqos mil-livell massimu tiegħu ta' 27,8 % fl-2013, kien għadu fil-livell ta' 18,1 % f'Marzu 2019. Il-qgħad fuq terminu twil (11,9 % fl-ewwel trimestru tal-2019) u l-qgħad fost iż-żgħażaġh (40,4 % f'Marzu 2019) għadhom għoljin ħafna.
- (5) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2019 u l-Programm ta' Stabbiltà għall-2019. Huwa rrakkomanda ⁽⁷⁾ li l-Greċja tiegħu azzjoni fl-2019 u fl-2020 biex tikseb irkupru ekonomiku sostenibbli u tindirizza l-iżbilanċi makroekonomiċi eċċessivi billi tkompli u tlesti r-riformi f'konformità mal-impenji ta' wara l-programm mogħtija fil-Grupp tal-Euro tat-22 ta' Ġunju 2018. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li l-Greċja tiffoka l-politika ekonomika tagħha relatata mal-investment f'oqsma ta' prijorità speċifiċi bil-ħsieb li tipprovdi bażi solida għat-tkabbir, filwaqt li tnaqqas id-disparitajiet reġjonali u tiżgura l-inklużjoni soċjali.
- (6) Il-Kummissjoni ppubblikat it-tielet valutazzjoni tagħha taħt is-sorveljanza msaħħa dwar il-Greċja ⁽⁸⁾ fil-5 ta' Ġunju 2019. Il-valutazzjoni tiddeskrivi l-progress rigward l-impenji ta' riforma ġenerali u speċifiċi tal-Greċja. Hija tikkonkludi li l-Greċja kienet tat bidu raġonevoli għall-ambjent ta' wara l-programm minn Awwissu 2018. It-tkabbir reali u l-ħolqien tal-impjiegi nżammu, u l-Greċja għal darb' oħra qabżet il-mira tas-surplus tagħha fl-2018. Minkejja li b'xi dewmien, it-tlestija ta' impenji ta' riforma speċifiċi dovuti għal tmiem l-2018 ippermettiet l-implimentazzjoni ta' miżuri addizzjonali tad-dejn f'April 2019. Il-Greċja bdiet ukoll terġa' tikseb aċċess għas-suq u bbenefikat minn titjib fil-klassifikazzjoni mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. Madankollu, il-pass tar-riformi naqas fix-xhur reċenti u l-konsistenza ta' xi miżuri mal-impenji mogħtija fil-Grupp tal-Euro mhijiex assigurata. Ir-rapport ikkonkluda wkoll li hemm riskji għall-kisba tal-mira miftiehma dwar il-bilanċi pożittivi primarju. Għalhekk il-Greċja tinsab f'mument importanti fir-rigward tal-għażliet ta' politika meħtieġa biex jinkiseb irkupru ekonomiku sostnut u dejjiemi.
- (7) Filwaqt li s-settur bankarju għadu kapitalizzat biżżejjed, il-pożizzjoni kapitali ddeterjorat bi f'it matul l-2018 f'kuntast ta' profittabbiltà baxxa u kwalità tal-assi dgħajfa, filwaqt li l-kreditu ta' taxxa differiti għadhom jirrappreżentaw parti mdaqqs mill-kapital ewlieni tal-livell 1. Is-settur bankarju qed ikompli jiffaċċja sfidi, fejn it-titjib qed iseħħ b'pass kajman, u għad hemm vulnerabbiltajiet sinifikanti. Dawn huma marbuta ma' stokkijiet kbar ta' skoperturi improduttivi u livelli baxxi ta' profittabbiltà, filwaqt li għad hemm rabtiet qawwija mal-Istat. Għalkemm l-istokk ta' skoperturi improduttivi gradwalment beda jonqos mill-quċċata tiegħu ta' EUR 107,2 biljun mil-huqa f'Marzu 2016, fi tmiem l-2018 l-istokk kien għadu għoli ħafna u kien ta' EUR 81,8 biljun jew 45,4 % tal-iskoperturi totali li jidhru fil-karta tal-bilanċ. Il-Greċja adottat riformi ta' importanza ewlenija f'dawn l-aħħar snin, u għaddejja ħidma dwar firxa ta' inizjattivi biex jissaħħa il-qafas ta' riżoluzzjoni għal self improduttiv (non-performing loans, NPL). Madankollu, se jkun meħtieġa sforzi addizzjonali sabiex jinkiseb tnaqqis aktar mgħaġġel tal-NPL, fejn il-proporzjon tal-iskoperturi improduttivi jitnaqqas għal livelli sostenibbli, u l-istituzzjonijiet finanzjarji jkun jistgħu jwettqu l-funzjoni tagħhom ta' intermedjazzjoni u ġestjoni tar-riskju.
- (8) Minkejja l-progress li sar f'dawn l-aħħar snin, il-Greċja għadha qed tiffaċċja sfidi kbar fir-rigward tal-ambjent tan-negożju tagħha u fir-rigward tas-sistema ġudizzjarja tagħha. Il-Greċja għadha l bogħod ferm milli tilħaq il-fruntiera tal-aħjar prestazzjoni f'diversi oqsma tal-komponenti strutturali ta' indikaturi komparattivi ewlenin (pereżempju, il-ħin biex tittieħed deċiżjoni ġudizzjarja, l-infurzar tal-kuntratti, ir-reġistrazzjoni tal-proprjetà, ir-riżoluzzjoni tal-insolvenza, eċċ.).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

⁽⁵⁾ SWD(2019) 1007 final.

⁽⁶⁾ COM(2019) 150 final.

⁽⁷⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2019 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2019 tal-Greċja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2019 tal-Greċja.

⁽⁸⁾ Il-Kummissjoni Ewropea: Rapport dwar is-Sorveljanza Msahħa — il-Greċja, Ġunju 2019, id-Dokument Istituzzjonali 103, Ġunju 2019.

- (9) Wara li nqatgħet mis-self tas-suq finanzjarju fl-2010, il-Greċja bdiet terġa' takkwista aċċess għas-suq permezz tal-ħruġ ta' bonds tal-gvern minn Lulju 2017. Wara ħruġ ta' bonds b'suċċess f'Jannar 2019, il-Greċja aċċessat mill-ġdid is-swieg kapitali f'Marzu 2019, u ħarġet bond tal-gvern ta' 10 snin għall-ewwel darba mill-2010. F'Lulju 2019, il-Greċja ħarġet bond ta' seba' snin, li se jgħin biex terġa' tinbena l-kurva tar-rendiment tal-Greċja u tiżdied il-likwidità fis-suq tal-bonds tagħha. Il-kundizzjonijiet ta' self tal-Greċja għadhom madanakollu fraġli fl-isfond tar-riskji ekonomiċi esterni u tal-vulnerabbiltajiet interni.
- (10) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjonijiet li jiġġustifikaw l-istabbiliment tas-sorveljanza msaħħa skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 għadhom preżenti. B'mod partikolari, il-Greċja għadha qed taffaċċja riskji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħha li, jekk jimmaterializzaw, jista' jkollhom effetti kollaterali negattivi fuq Stati Membri oħra taż-żona tal-euro. Jekk jimmaterializzaw xi effetti kollaterali, dawn jistgħu jseħħu indirettament billi jkollhom impatt fuq il-fiduċja tal-investituri u b'hekk fuq l-ispejjeż ta' rifinanzjament għall-banek u s-sovrani fi Stati Membri oħra taż-żona tal-euro.
- (11) Għaldaqstant, fuq terminu medju, il-Greċja teħtieġ li tkompli tadotta miżuri biex tindirizza s-sorsi jew is-sorsi potenzjali tad-diffikultajiet u timplimenta riformi strutturali bħala sostenn għal irkupru ekonomiku robust u sostenibbli, bil-ħsieb li jittaffew l-effetti ta' diversi fatturi li ġejjin mill-passat. Dawn jinkludu d-daqqa serja u twila l-isfel fl-ekonomija tul il-kriżi; id-daqs tal-piż tad-dejn tal-Greċja; il-vulnerabbiltajiet tas-settur finanzjarju tagħha; l-interkonnessjonijiet relattivament qawwija li għad hemm bejn is-settur finanzjarju u l-finanzi pubbliċi Griegi, inkluż permezz ta' sjieda mill-Istat; ir-riskju ta' kontaġġu ta' tensjonijiet qawwija f'wieħed minn dawk is-setturi lil Stati Membri oħra, kif ukoll l-iskoperturi tal-Istati Membri taż-żona tal-euro għad-dejn sovrani Grieg.
- (12) Sabiex jiġu indirizzati r-riskji residwi u jiġi mmonitorjat l-issodisfar tal-impnenji mmirati apposta għalihom, jidher li huwa meħtieġ u xieraq li s-sorveljanza msaħħa tal-Greċja tiġi estiża skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 472/2013.
- (13) Il-Greċja nġhatat l-opportunità li tesprimi l-fehmiet tagħha dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni, permezz ta' ittra mibgħuta fis-16 ta' Lulju 2019. Fit-tweġiba tagħha tad-19 ta' Lulju 2019, il-Greċja fil-biċċa l-kbira qablet mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-isfidi ekonomiċi li qed taffaċċja, li hija l-bażi għall-estensjoni tas-sorveljanza msaħħa.
- (14) Il-Greċja se tkompli tibbenifika mill-appoġġ tekniku skont il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali (kif stabbilit bir-Regolament (UE) 2017/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁹⁾) għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' riformi, inkluż għat-tkomplija u t-tlestija ta' riformi ewlenin f'konformità mal-impnenji ta' politika mmonitorjati taħt sorveljanza msaħħa.
- (15) Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tikkollabora mill-qrib mal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, fil-kuntest tas-Sistema ta' Twissija Bikrija tiegħu, fl-implimentazzjoni tas-sorveljanza msaħħa,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-perjodu ta' sorveljanza msaħħa tal-Greċja skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 attivat mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1192 għandu jiġi estiż għal perjodu addizzjonali ta' sitt xhur, li jibda fil-21 ta' Awwissu 2019.

⁽⁹⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali għall-perjodu mill-2017 sal-2020 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 1305/2013 (ĠU L 129, 19.5.2017, p. 1).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2019

Għall-Kummissjoni
Pierre MOSCOVICI
Membru tal-Kummissjoni
